MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 754/1992/1

**Josette Vella**

**vs**

**Sebastian Vella**

**Il-Qorti:**

## I PRELIMINARI

1. Dan huwa appell intavolat mill-konvenut mis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, fis-7 ta' Dicembru 2000. A skans ta' ripetizzjonijiet inutili din is-sentenza sejra tigi annessa bhala appendici biex tifforma

parti integrali mill-odjerna sentenza, billi l-istess sentenza appellata fiha riprodotti t-talbiet ta' l-attrici, l-eccezzjonijiet tal-konvenut, il-konsiderazzjonijiet u l-motivazzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti li tiddeciedi l-kawza bil-mod li ddecidietha.

2. Billi l-konvenut hassu aggravat min din is-sentenza essenzjalment ghaliex ma qabilx mal-mod tad-distribuzzjoni ta' l-assi tal-komunjoni huwa appella minnha quddiem dina l-Qorti. Qieghed jitlob li dina l-Qorti, filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza tas-7 ta' Dicembru 2000, fejn cahdet it-tieni domanda u/jew astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel, it-tielet u l-hames domandi, joghgobha tirriforma r-raba' talba riferibilment ghall-mod tal-likwidazzjoni u spartizzjoni ta' l-assi tal-komunjoni u dan in vista ta' dak kollu li gie spjegat fir-rikors ta' l-appell wara li, u jekk ikun mehtieg, tghaddi ghar-revoka tad-digrieti moghtija fit-12 ta' Lulju 1995 u fl-20 ta' Awissu 1997 – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.

3. L-attrici fir-risposta taghha irrispondiet ghall-kritika mressqa mill-appellant, u ghalkemm ma qablitx ma' l-assenjazzjoni ta' l-oggetti tad-deheb kontenuta fis-sentenza appellata, pero` ma ressqet ebda appell incidentali dwar dan l-aspett. Infatti, hija qalet li s-sentenza appellata kienet sostanzjalment korretta u talbet li l-appell jigi michud u l-istess sentenza tigi konfermata.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4. Jirrizulta li l-kontendenti izzewgu fl-1 ta' Marzu, 1987, u qatt ma kellhom tfal minn dan iz-zwieg taghhom. Ic-citazzjoni odjerna giet prezentata fis-7 ta' Lulju 1992, u fiha l-attrici, wara li ppremettiet li z-zwieg tfarrak irrimedjabbilment minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut, talbet li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejniethom. Din it-talba kienet akkompanjata minn talbiet ohra, fosthom ghall-kundanna tal-konvenut biex jissoministralha manteniment, kif ukoll ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

5. Jirrizulta li l-konvenut istitwixxa kawza ghall-annullament taz-zwieg tieghu fil-konfront ta' martu b'citazzjoni fl-ismijiet inversi li ggib in-numru 831/91. Din il-kawza instemghet u giet deciza fit-30 ta' Mejju 1995 mill-Qorti presjeduta mill-istess Onorevoli Mhallef li ddecieda s-sentenza li issa qeghdha tigi appellata.

6. Jirrizulta li wara li l-Qorti ippronunzjat l-imsemmija sentenza ta' annullament hija innominat Perit Legali f'din il-kawza biex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attrici odjerna. Dan il-Perit gabar il-provi tal-partijiet u r-relazzjoni tieghu ipprezentata fit-12 ta' Marzu 1999 tinsab a fol. 192 *et seq.* tal-process. L-istess Perit Legali gie inkarigat jestendi relazzjoni ulterjuri, wara li l-partijiet, kif awtorizzati, issottomettew noti ta' osservazzjonijiet. Ir-relazzjoni ulterjuri giet ipprezentata fit-2 ta' Gunju 1999 u tinsab a fol. 240 *et seq*. tal-process.

7. Il-kwistjoni principali li tikkoncerna dan l-appell tohrog mill-fatt li l-attrici baqghet tithallas manteniment "*pendente lite*" *nonostante* l-oppozizzjoni tal-konvenut, li ppretenda li hija ma kelliex aktar dritt ghall-manteniment wara li z-zwieg gie annullat bis-sentenza msemmija tat-30 ta' Mejju, 1995. Effettivament, ftit tal-granet wara, ezattament fis-26 ta' Gunju, 1995 (ara fol. 56) il-konvenut intavola l-ewwel rikors tieghu li bih talab ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru li bis-sahha tieghu l-attrici kienet qeghdha tircievi l-alimenti direttament minghand il-principal tal-konvenut li allura l-ammont relattiv kien jitnaqqas mid-dhul tieghu. Dan ir-rikors gie michud fit-12 ta' Lulju, 1995.

8. Fis-6 ta' Settembru 1996 (ara fol. 71) il-konvenut talab it-twaqqif definittiv ta' l-alimenti provizorji lill-attrici. Din it-talba giet michuda b'digriet ta' l-Ewwel Qorti ta' l-20 ta' Awissu, 1997, wara li din sostniet li r-rizultanzi tas-sentenza tat-30 ta' Mejju, 1995, ma kienux jiggustifikaw l-akkoljiment ta' tali talba.

9. Fit 13 ta' April, 1998 (ara fol. 108) il-konvenut talab li r-rata tal-manteniment tigi ridotta in vista` li martu kellha

impjieg '*full time*'. L-alimenti gew ridotti minn Lm30 ghal Lm20 b'digriet ta' l-Ewwel Qorti ta' l-1 ta' Lulju, 1998.

10. Il-konvenut esebixxa a fol. 229 dokument li jistabilixxi l-ammont shih ta' l-alimenti li hu kien kostrett ihallas lil martu.

11. Raffrontata b'dawn id-diversi talbiet l-Ewwel Qorti rrigettathom u baqghet anke taghmel hekk fid-decizjoni appellata. Sadanittant il-konvenut ippropona lill-Ewwel Qorti li ghallanqas il-hlas li sar minnu f'alimenti kellhom jigu konsiderati fl-ambitu tal-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti *in via* ta' ekwiparazzjoni. Biex waslet ghal din il-konkluzjoni l-Ewwel Qorti strahet fuq ir-rakkomandazzjoni tal-perit relatur.

Hija qalet hekk:-
"Illi l-konvenut anke fin-nota ta' l-osservazzjonijiet finali tieghu insista illi huwa ma kienx tenut ihallas il-manteniment dekretat minn wara s-Sentenza ta' l-annullament, u *inoltre* talab li l-attrici ghandha tigi maghmula tirrifondi l-ammont li ma kienx hekk dovut, anki bhala parti mid-divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

Illi l-Qorti irrigettat tali talba u anqas taqbel li kull ammont imhallas (sa hames snin wara l-annullament) ghandu jigi kkonsidrat fid-divizjoni tal-komunjoni; il-Qorti ghalhekk taqbel ukoll ma' l-opinjoni sussegwentement espressa mill-abbli relatur fir-relazzjoni ulterjuri tieghu meta issuggerixxa li ma kellhiex "*tigi akkolta t-talba tieghu li jibbenefika fir-ripartizzjoni ta' l-oggetti minhabba hlasijiet antecedenti ghad-decizjoni finali fir-rigward tal-manteniment*"; illi l-Qorti tichad it-talba ghall-manteniment maghmulha mill-attrici peress illi f'kull kaz issa ghaddew aktar minn hames snin mid-data ta' l-imsemmija sentenza li iddikjarat null iz-zwieg ta' bejniethom;"

12. Fil-process ma tidhirx li giet esebita kopja tas-sentenza ta' l-annullament taz-zwieg moghtija fit-30 ta' Mejju, 1995. Pero`, mhux kontestat li l-annullament inghata ghax il-Qorti sabet li:

"…gie pruvat sodisfacentement li kien hemm nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju da parti taz-zewg kontendenti."

Din is-sentenza ma addebitatx *male fede* lill-ebda parti fiz-zwieg.

13. Fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-appellant baqa' jinsisti li hu ma kienx obbligat li jhallas manteniment lill-martu wara li z-zwieg gie annullat. Insista li l-Ewwel Qorti kienet iebsa wisq mieghu meta, almenu ma haditx in konsiderazzjoni dan il-fatt meta giet biex tiddistribwixxi l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti. L-appellant josserva hekk:
"Issa apparti li l-attrici qatt ma talbet fl-azzjoni ta' l-annullament li jigi provdut lilha xi forma ta' manteniment, l-Artikolu 20(5) tal-Kapitolu 255 jallaccja l-obbligu ta' l-ghoti ta' l-alimenti fil-kaz biss li "xi hadd fost il-konjugi kien responsabbli ghan-nullita` taz-zwieg".

Tinsorgi hemm id-domanda illi jekk hadd mill-kontendenti ma kien responsabbli fis-sens tal-ligi, u t-tnejn urew nuqqas ta' diskrezzjoni, ghaliex allura ghal daqshekk kellu b'mod ewlieni jirrispondi l-esponenti billi jissokta jigi impost fuqu l-obbligu tal-hlas ta' l-alimenti. Certament li l-esponenti ma kienx jimmerita tant trattament oneruz mill-Ewwel Qorti, bi pregudizzju hekk serju ghalih."

14. Din il-Qorti, diversament komposta, kienet ikkummentat fis-sentenza taghha tat-8 ta' Marzu, 1995, riportat fil-Kollezzjoni, Volum LXXIX-II- Pag. 344 dwar l-ambigwita` tas-subartikolu 5 ta' l-Artikolu 20 tal-Kapitolu 255. Pero` fil-kaz odjern din il-Qorti ma ghandha l-ebda necessita` li tezamina l-kwezit jekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kienitx korretta jew le meta cahdet it-talbiet tal-konvenut biex hu jieqaf ihallas manteniment *pendente lite* lil martu wara li z-zwieg taghhom kien gie annullat fit-30 ta' Mejju, 1995. F'dan il-kuntest l-appellant qieghed jitlob ir-revoka tad-digrieti moghtija mill-Ewwel Qorti fit-12 ta' Lulju 1995 u fl-20 ta' Awissu 1997 "<u>jekk ikun hekk mehtieg</u>".

15. Il-Qorti ma thoss l-ebda htiega li taghmel dan ghar-raguni li hija regola generali tad-dritt civili li l-alimenti jinghataw biex ikunu effettivament ikkonsmati mill-kreditur taghhom ghall-ghajxien u s-sopravivenza attwali u ta' l-istess kreditur u ghalhekk ma jistghux jintalbu lura. Dan il-principju japplika wkoll fil-kaz ta' l-alimenti derivanti miz-zwieg. Hawnhekk il-pensjoni alimentari ma tkoprix biss il-bzonnijiet strettament necessarji tal-kreditur izda hija proporzjonata ghall-mezzi tal-kreditur.

16. Anke fl-ipotezi li l-appellant ma kienx obbligat jissoministra manteniment wara d-data tas-sentenza li annullat iz-zwieg, l-appellant, xorta wahda ma ghandux dritt li jitlob ir-rifuzjoni ta' l-alimenti li hallas *pendente lite* wara li z-zwieg gie dikjarat null. Dana minhabba r-regola generali imsemmija fil-paragrafu precedenti, liema regola tinsab infatti inkorporata fl-ewwel subinciz ta' l-Artikolu 22 tal-Kodici Civili (Kap. 16) li jaqra hekk:
"**22.** (1) Min ikun ta l-manteniment m'ghandux jedd jitlob ir-radd ta' dak il-manteniment li jkun ta wara li tkun spiccat ir-raguni li ghaliha kien obbligat ghall-manteniment."

Ghall-kompletezza jrid jinghad li t-tieni subinciz ta' l-istess artikolu jipprovdi l-lat l-iehor tal-munita, li pero` jidderiva mill-kuncett analogu:
"(2) Ma tistax lanqas il-persuna li lilha kellu jinghata l-manteniment titlob minghand id-debitur li jkun sar jista' jaghti dak il-manteniment, is-somma tal-manteniment ghaz-zmien li fih l-istess debitur ma kienx tah minhabba nuqqas ta' mezzi."

17. La darba l-appellant ma ghandux dritt li jitlob ir-radd lura tal-manteniment somministrat lil martu *pendente lite* wara l-annullament taz-zwieg, lanqas ma ghandu dritt l-appellant li jippretendi li fil-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ssir xi forma ta' ekwiparazzjoni jew ta' retribuzzjoni billi l-istess manteniment jigi kunsidrat bhala kreditu favur l-appellant. Konsegwentement l-aggravju principali ta' l-appellant mhux accettabbli.

18. L-appellant, fir-rikors ta' l-appell tieghu jressaq gravam sussidjarju:
"Anke jekk ma jinghatax aditu ghall-pregudizzjali sollevata, hemm evidentement skwilibriju fil-mod ta' l-ispartizzjoni ta' l-assi tal-komunjoni. Lill-esponenti gie per ezempju assenjat l-"oggetti mobili kollha li jinsabu fil-pussess tieghu". Hu ovvju li l-istess Qorti nsiet fil-parti konkluziva tas-sentenza, illi fl-istess sentenza rrikonoxxiet il-fatt tal-qasma bonarja tal-"mija u hamsin oggett indikati fir-relazjoni tal-perit tekniku". Hemm imbaghad l-assenjazzjoni ta' "oggetti tad-deheb" hekk dikjarata mill-Qorti li l-esponenti "zamm fil-pussess tieghu", wara li ghamlet taghha bran mehud mir-rapport tal-perit legali. Jidher b'mod lampanti illi l-Ewwel Qorti naqset milli tezamina jew tapprezza attentament dak espress mill-istess perit relatur."

19. Din il-Qorti ezaminat dan il-lament fil-kuntest tal-provi akkwiziti fil-process izda ma ssibx motiv sufficjenti biex din il-Qorti tiddisturba d-deskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti. Ghalhekk anke dan l-aggravju mhux accettabbli.

20. Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u fis-sens premess tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu kif decizi fis-sentenza appellata (cioe` bin-nofs bejn il-kontendenti) waqt li dak ta' dina l-istanza jibqghu kollha sopportati mill-appellant Sebastian Vella.

Deputat Registratur
Mg

**APPENDICI**

Kopja tas-sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fl-7 ta' Dicembru, 2000, qed tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------